MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 162/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**
**-vs-**
**Joseph Tonna**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Fir-rikors tieghu d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali qed jitlob li l-intimat jigi misjub hati ta' disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 u konsegwentement tikkundannah ghall-pieni preskritti mill-ligi.

Fir-risposta tieghu l-intimat preliminarjament eccepixxa illi dina l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tiehu

konjizzjoni tal-proceduri odjerni billi l-Qorti allegatament oltreggjata hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

**Kontestazzjoni**

Illi r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq id-disposizzjonijiet tat- Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 dwar ir-Rispett li ghandu jingieb lill-Qorti u senjatament il-procedura taht l-artikolu 1003A ta' Kap 12 li jipprovvdi li bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur.

L-intimat qed jissottometti li f'dan il-kaz il-proceduri messhom gew prezentati fil-Qorti tal-familja billi kienet dika l-Qorti li lejha ntwera disprezz.

Min naha l-ohra r-rikorrent wiegeb li l-azzjoni kellha ssir quddiem dina l-Qorti billi din ghandha gurisdizzjoni li tisma' dawn it-tip ta' kawzi u fl-Avviz Legali 397/2003 li kkostitwiet il-Qorti tal-Familja u l-gurisdizzjoni taghha, partikolarment l-iskeda li hemm fis-sezzjoni 4 li harget mir-regolament 2A, hemm indikat x'inhuma l-kawzi li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-familja u fosthom ma hemmx kawzi ghall disprezz.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li ghax fl-att li kkostitwixxa l-Qorti tal-Familja ma jissemmewx il-kawzi ghall-disprezz, allura dik il-Qorti ma tistax tagixxi ghal disprezz kontra taghha. Il-Qorti tal-Familja trid dejjem timxi skond ir-regoli tal-Kodici tal-Procedura Civili, li fih hemm inkluza l-azzjoni ghal disprezz. Il-kwistjoni fil-kaz in ezami mhiex dina, imma jekk l-azzjoni kellhiex titmexxa quddiem il-Qorti tal-Prim Awla jew inkellha quddiem l-istess Qorti tal-Familja.

L-intimat ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta Mejju 2002 fl-ismijiet ir-Registatur tal-Qorti vs Anthony Manduca fejn il-Qorti ddecidiet li l-Prim Awla kienet il-Qorti li kellha gurisdizzjoni li tisma’ kawzi dwar disprezz. L-intimat izda jsosstni li dika s-sentenza nghatat meta l-uniku tribunal superjuri ta’ Prim Istanza kien il-Prim Awla u ma kienx ghad hemm il-Qorti tal-Familja. Jargumenta ghalhekk li la issa hemm Qorti ta’ Prim Istanza superjuri ohra, tkun dik il-Qorti li ghandha tiddeciedi dwar id-disprezz lejha.

Fis-sentenza li saret riferenza ghaliha, il-Qorti kienet iddecidiet inter alia li:

Skond id-disposizzjonijiet li hemm fl-artikolu 1003A – li gew fis-sehh fl-1995 bl-iskop li jevolvu u jelucidaw izjed x’ghandu jsir fi proceduri simili - id-dover tal-Qorti li tkun tat l-ordni biex jittiehdu proceduri ghal disprezz m’huwiex dak li hija stess tipprocessa u tikkundanna lil min kontra taghha kellhom jittiehdu l-passi izda li fit-termini ta’ l-artikolu fuq imsemmi, taghti dawk l-ordnijiet lir-Registratur biex dan jiehu l-passi opportuni skond il-ligi.

…….

Proceduri bhal dawn ma jikoncernawx lil Qorti partikolari imma jikkoncernaw invece l-amministrazzjoni tal-haqq b’mod generali. Illi proprju ghalhekk li l-ligi procedurali hasbet fi procedura fejn permezz ta’ citazzjoni ad istanza tar-Registratur tal-Qorti jew tal-parti leza jitharrek l-“akkuzat” fil-vesti ta’ konvenut.

Din il-Qorti tirrileva li proceduri ghall-disprezz huma proceduri *sui generis*. Kif inhi l-ligi llum, wara l-emendi li gew introdotti, il-proceduri ghal disprezz ma jsirux quddiem il-Qorti li lejha jkun sar l-allegat disprezz imma tinghata ordni minn dika l-Qorti biex ir-Registratur johrog citazzjoni kontra l-persona allegatament hatja tad-disprezz, quddiem il-Prim Awla. Ghalhekk mhiex aktar kwistjoni li l-istess Qorti tiehu l-passi hi biex tissalvagwardja r-rispett taghha, imma hija procedura

gdida introdotta li ma tikkoncernahx lil xi Qorti partikolari imma tikkoncerna invece l-amministrazzjoni tal-haqq b'mod generali u ghalhekk issir fil-Prim Awla.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat,
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------